# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 9/2020

17 ta' Settembru, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fl-4:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Vici Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Mark Cocker | Kunsillier |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

9.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

9.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

9.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

9.2.1 Is-Sindku qal illi ref punt 8.2.7 (pole fi Triq il-Kuċċard) il-poles tal-każin kienu inqalgħu.

9.2.2 Il-kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ref punt 8.4.2 għandha tirreferi għal Triq il-Kuċċard u mhux għal Triq San Gwann.

9.2.3 Is-Sindku qal illi xtaq jagħti update lill-Kunsill rigward ref punt 8.3.4 (servizz ta' trasport Silver T għal anzjani). Huwa qal illi kien iltaqa' ma' uffiċjali mid-Dipartiment tal-Anzjanita' Attiva u flimkien kienu marru fuq il-post fi Gnien il-Ħelsien fejn ittieħdu xi ritratti. Is-Sindku qal illi kien hemm ċans li dan is-sit ikun tajjeb pero s'issa ma kienx għad għandna risposta definittiva. Is-Sindku qal illi kien hemm il-possibbilita' ukoll illi x-xufier jibqa' mal-vettura sakemm tiġi ċċarġjata pero' kien għadhom qed jikkonsidraw.

9.2.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ref punt 8.4.4 (attivita' ta' volontarjat) kellha tiġi kkanċellata fl-aħħar ftit minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid 19.

9.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-Kunsill kienx mexxa ref punt 8.3.7 (kameras fi Ġnien ta' Ball). Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien għadu jrid jiltaqa' mal-kuntrattur sabiex naraw x'nistgħu nagħmlu bil-budgit ta' €2,000.

9.2.6 Is-Sindku qal illi l-Greenpak kellhom iwaħħlu l-kamera ħdejn il-bring in sites il-ġimgħa ta' wara l-laqgħa.

9.2.7 Is-Sindku qal illi Triq San Gwann ironikamemet ma kinitx ser issir u kien il-Kunsill li kien ssuġerixxa sabiex issir biex tissolva l-problema tal-ilma tax-xita li jinġabar fl-istess triq. Is-Sindku qal illi meta tagħmel ix-xita xorta għadhom jinġabru l-għadajjar u għalhekk l-iskop li t-triq ma żżommx ilma ma ntlaħaqx. Għalhekk is-Sindku qal illi din it-triq suppost għandha terġa' tinqala'.

9.2.8 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi ref punt 8.5 (riżenja tal-impjegata). Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ħareġ sejħa nterna u spjega l-proċess tal-ingaġġ għal impjegat ġdid.

9.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward l-ingaġġ għal ġardinar għal Ġnien Sir Alexander Ball u staqsa ukoll jekk il-Kunsill kienx talab għal numru ta' siegħat fil-ġimgħa illi ser ikollu jaħdem. Is-Sindku qal illi f'dan il-każ diffiċli tgħid u tikkwantifika numru ta' siegħat sabiex il-Ġnien jinżamm tajjeb, u l-ħinijiet jistgħu jvarjaw mis-Sajf għax-Xitwa u qal li l-aktar li għandna naraw huwa li x-xogħol ikun qed isir u li jsir b'mod tajjeb.

9.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

9.3.1 Is-Sindku qal illi l-ewwel studju rigward il-proġett għal Slow Streets kien riesaq lejn il-final. Is-Sindku qal illi min kien qed jagħmel l-istudju xtaq illi jiltaqa' mal-Kunsill fejn kien ser jippreżenta lill-Kunsill bir-riżultat ta' dan l-istudju permess ta' presentation. Il-Kunsill qabel illi għandna nistednuh jiġi qabel laqgħa li jmiss.

9.3.2 Is-Sindku qal illi kien attenda laqgħa mal-MELP li taqa' taħt il-Ministeru tat-Turiżmu u l-ELC rigward il-proġett tar-roundabout li tinsab fi Triq tal-Karwija. Is-Sindku qal illi

rigward ir-reserviour kien kiteb lill MIP sabiex jagħtuna l-permess sabiex nużaw l-ġibjun tagħhom. Mill-komunikat irriżulta illi l-ġibjun tal-MIP jinsab 'il bogħod ħafna mir-roundabout pero' l-Aviation Cosmetics kellhom ġibjun aktar viċin. Is-Sindku qal illi dawn tal-aħħar kien ikkunttattjahom u ma kienux isibu problema li nużaw il-ġibjun tagħhom pero' talbu illi jaraw il-pjanti kif kienet ġejja r-roundabout. Is-Sindku qal illi eventwalment għandna nagħmlu meeting ieħor sabiex nikkonfermaw li l-MELP ser jagħmlulna x-xogħolijiet għall-e*mbellishment* ta' din ir-roundabout.

9.3.3 Is-Sindku qal li konna rċivejna l-konferma illi ser isir kors fil-crochet tal-lifelong learning fil-Kunsill tagħna u li kienu ser isiru f'session filgħodu.

9.3.4 Is-Sindku qal illi kellu meeting ma persuna inkarigata minn Transport Malta rigward il-problema tar-razzett li hemm l-isfel miċ-ċimiterju. Is-Sindku qal illi Transport Malta ma aċċettawx is-suġġeriment għal barriers u li kienu qegħdin jissuġġerixxu jew li ssir bankina mal-ħajt, inkella sleeping police qabel iduru lejn ir-razzett. Il-Kunsill iddiskuta dawn is-suġġerimenti u qabel li jekk jaċċetta s-sid ssir kurduna sabiex niggwidaw it-traffiku li jservi ukoll bħala lqugħ għal ilma.

9.3.5 Is-Sindku qal illi persuna kienet talbitu sabiex issir mera fi Sqaq il-Karwija fejn Mushroom Farm in-naħa ta' Ħal Far. Il-Kunsill qabel.

9.3.6 Is-Sindku qal illi l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kellha talba mill-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex il-Kunsill jimmarkaw il-bankini sabiex ikun hemm s-*social distancing* waqt id-dħul u ħruġ fl-iskejjel. Is-Sindku qal illi kien ikkonsulta mal-iskola primarja fejn ġie mgħarraf illi l-entratura tal-kinder u l-entratura li hemm fi Triq Dun Guzepp Caruana kienu ser jintużaw żgur bil-possibilita' li jintużaw iż-żewġ entraturi oħra. Il-Kunsill qabel illi l-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jsiru dawn il-marki fuq il-bankini.

9.3.7 Is-Sindku qal illi kienet kellmitu residenti minn Triq iż-Żurrieq minħabba li quddiem residenta oħra fi Triq iż-Żurrieq kienu qegħdin jipparkjawlha sal-parapett b'konsegwenza li ma tkunx tista' toħroġ mid-dar. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u qabel illi għandha teħel U-Bar eżatt taħt il-bankina sabiex inneħħu dan l-inkonvinjent.

9.3.8 Is-Sindku qal illi l-*Community Police* kienu bdew f'ċertu lokalitajiet. Huwa qal illi minn informazzjoni sar jaf illi l-Kunsill għandu juri x-xewqa tiegħu sabiex ningħaqdu f'din l-iskema tal-Community Police. Is-Sindku spjega kif kienu qegħdin jaħdmu l-Community Police u qal illi dawn jistgħu jitolbu post fejn joqogħdu. Il-Kunsill iddiskuta dan u qabel illi għandna nissuġerixxu li tintuża l-Għassa u nibdew billi niktbu u nuru l-interess tagħna.

9.3.9 Is-Sindku qal illi kienet kellmitu persunu rigward is-Salib tad-Dejma. Huwa qal illi din il-persuna qaltlu li dan is-salib kien qiegħed jintlaqat mill-karozzi tal-linja regolarment. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u qabel illi għandna niktbu lill Transport Authority u niltaqgħu fuq il-post sabiex naraw x'jista' jsir sabiex nipproteġu dan is-Salib storiku.

## 9.4 **Tweġibietgħall-Mistoqsijiettal-Kunsillieri**

9.4.1 Il-Kunsilliera is-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kellha talba sabiex persuna tikri s-sala sabiex torganizza Joga Classes. Is-Sindku qal illi l-prezz għall-attivitajiet bħal dawn għandhom imqar ikunu €25 kull sezzjoni sabiex jagħmlu tajjeb għal użu tad-dawl u t-tindif.

9.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla tablet sabiex il-*grawnd* tal-futbol ikun hemm ħin allokat sabiex min irid jilgħab jkun jista' jagħmel dan. Hija ssuġġeriet illi filgħaxija l-Kunsill jiftaħ il-grawnd imbagħad jingħalaq aktar tard. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel illi għandna nitkellmu mal-*ground attendant*.

9.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-Blood Donation Unit ser ikun fil-pjazza ta' Ħal Safi nhar il-Ħadd 27 ta' Settembru u li kien jinħtieġ illi jsiru t-tabelli neċċessarji sabiex ma jsirx parkjar ta' karozzi fil-pjazza.

9.4.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi x-xogħolijiet fi Triq il-Kuċċard kienu saru tajjeb ħafna pero' kienu twaħħlu żewġ tabelli mad-djar wara l-private road li ma kinitx taqbel magħhom. Il-Viċi Sindku qal illi t-tabelli kienu twaħħlu fuq in-naħa tax-xellug tax-xufiera skont il-liġi.

9.4.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward il-proċedura għal landscaping fi Triq il-Kuċċard. Is-Sindku spjega li hekk kif Triq il-Kuċċard tgħaddi fuq il-Gvern Ċentrali, l-landscaping f'din it-triq ukoll jgħaddu fuq il-Gvern Ċentrali flimkien mas-servizzi kollha.

9.4.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi minħabba l-pandemija ma kienx hemm għażla ta' attivitajiet x'wieħed jista' jagħmel pero' kellha l-ħsieb illi torganizza li teħodhom jiżirgħu l-fjuri/xtieli possibilment fi Triq il-Karwija. Hija tablet lill-Kunsill sabiex din l-area tinħarat. Il-Kunsill qabel.

9.4.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kellha l-ħsieb li torganizza clean up oħra u l-quddiem kellha l-ħsieb li torganizza attivitajiet ta' krafts fis-sala.

9.4.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla rringrazzjat lill-impjegat tal-Kunsill għall-e-mails li kien qiegħed jibgħat lill-Kunsiliera.

9.4.9 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fi Triq Santa Marija kien hemm ħafna wires bla użu. Is-Sindku qal illi ħafna minnhom kienu tal-każin u xi entitajiet oħra. Il-Kunsill qabel illi għandna nerġgħu nibagħtu reminder lill-entitajiet.

9.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward il-kwistjoni tal-ġardinar u l-kumplament tal-ġonna. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur eżistenti qed jiċċekja mas-Sigurta' Soċjali imbagħad wara għandu javża lill-Kunsill.

9.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi l-ħsara tal-ilma fi Triq Qerd in-Naħal ssewwa pero' wara ftit reġa' beda ħiereġ. Is-Sindku kkonferma li tal-Water Services kienu reġgħu ġew isewwu u problema ssolviet.

9.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward l-inspection box miksura li kien hemm fi Triq San Ġwann. Is-Sindku qal illi minn naħa ta' *Infrastructure Malta* kienu qalulna illi din il-kaxxa kienet tal-Go pero' rriżulta illi meta ġew fuq il-post ma kinitx taghhom. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien bagħat l-entitajiet kollha sabiex naraw u l-Water Services kienu kkonfermaw illi hija private. Is-Sindku kkonferma li kien kellem lil sid il-blokka li kkonferma li kien ser jiċċekkja.

Il-kunsillier is-Sur Mark Cocker qal sabiex ma jinqalax dan id-diżgwit meta jkollna nirrapurtaw dawn l-ilmenti issa li saru ħafna proġetti forsi l-Kunsill jista' jkollu pjanta tas-servizzi eżistenti. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u qabel illi għalkemm tagħmel sens li jkollok dokumentat tas-servizzi kollha, din tirrekjedi ħafna xogħol u mhux bilfors illi l-entitajiet kollha jtuna l-informazzjoni meħtieġa sabiex jinħoloq dan l-inventarju.

9.4.13 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk hux possibli li l-isqaqien kollha jsiru bi stencil concrete. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier jekk kienx hemm xi sqaq partikulari illi kien qiegħed jirreferi għalih. Il-Kunsillier qal li kien qed jirreferi għal Triq il-Kenn il-parti d-dejqa u għal Triq tal-Ajżar.

9.4.14 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla awgura lis-Sindku għal course MSc li kien ser jattendi. Is-Sindku qal illi l-Kunsill irid jawgura lil Kunsillier is-Sur Mark Cocker ukoll għaliex kien ser jagħmel l-istess kors ukoll. Il-Kunsill awgurahom kull suċċess.

9.4.15 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-aħħar fanal fi Triq San Pawl twaħħal mgħawweġ. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet ser tgħid lill-Kuntrattur.

9.4.16 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-isfel minn Ġnien Sir Alexander Ball kien hemm *wire* imdenndel.

9.4.17 Is-Sindku qal illi kienet kellmitu s-Supervisor tad-Day Centre għaliex minħabba restrizzjonjiet imposti minħabba l-pandemija kien ser ikollha tifred il-helpers u għalhekk għamlet it-talba sabiex sakemm ikun hawn il-pandemija s-servizz tad-Day Centre isir fuq jumejn. Is-Sindku qal illi s-Supervisor kienet qed tissuġġerixxi li l-ġurnata tal-Ġimgħa. Il-Kunsill qabel ma dawn il-proposti.

## 9.5 Approvazzjoni tal-Evalwazzjoni tat-Tender Rubble Walls

Is-Sindku qal illi l-Evualuation Board kien iltaqa' nhar il-Ħamis 10 ta' Settembru, sabiex jiddiskuti l-offerti tal-Kuntratt sabiex isiru r-Rubble Walls. Huwa qal illi din l-evalwazzjoni qabel iltaqa' l-bord kienet għaddiet għand il-Perit tagħna, sabiex jiġu ċċarati xi punti tekniċi. Is-Sindku spjega illi l-orħos żewġ offerti kien hemm xi nuqqasijiet fihom u ta d-dettalji tal-evalwazzjoni ta' dan il-Kuntratt. Is-Sindku ssuġġerixxa illi l-Kunsill għandu jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-bord u għandu jingħata l-kuntratt it-tielet offerta. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.6 Approvazzjonital-Evalwazzjoni tat-Tender Drip Irrigation

Is-Sindku qal illi l-Evaluation Board kien iltaqa' nhar il-Ħamis 10 ta' Settembru, sabiex jiddiskuti l-Kuntratt tat-Tender Drip Irrigation. Is-Sindku qal illi għal dan il-Kuntratt kienet intefgħet offerta waħda biss li kien *compliant* kemm Teknikament kif ukoll Finanzjarjament. Is-Sindku ssuġġerixxa illi l-Kunsill għandu jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-bord u jagħti l-kuntratt lill-uniku offerta li kienet intefgħet għal dan il-kuntratt. Il-Kunsill qabel.

## 9.7 Approvazzjonital-Evalwazzjoni tat-Tender Restawr tal-Koppla u Lanterna

Is-Sindku qal illi l-Evaluation Board kien iltaqa ukoll  nhar il-Ħamis 10 ta' Settembru, sabiex jiddiskuti l-Kuntratt għar-Restawr tal-Koppla u Lanterna. Is-Sindku qal illi għal dan il-Kuntratt kienu ntefgħu tlett offerti, it-tlieta kienu complaint mal-ħtiġijiet tagħna. Is-Sindku ssuġġerixxa illi l-Kunsill għandu jimxi mar-rakkomdandazzjoni tal-bord u jmur għall-orħos offerta. Il-Kunsill qabel.

9.8 **Direttiva 4/2020 Użutal-Internet Banking**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi minħabba restrizzjonijiet u ħafna bank charges li kienu qed jiġu mposti mill-bank ma kelliex alternattiva oħra ħlief li tissuġġerixxi illi l-użu li għandu l-Kunsill għall-Internet Banking jinbidel minn *view only* għal wieħed li jkun jista' jagħmel it-transazzjonijiet *online* għaliex ħafna kienu dawk l-individwi illi kienu qed jilmentaw illi sabiex jsarrfu ċ-ċekk issa ser ikollha charge ta' €5.00. Il-Kunsilli ddiskuta din il-proposta u qabel ma din il-bidla fl-użu tal-*Internet Banking*.

9.9 **Korrispondenza**

9.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi din is-sena ser ikun diffiċċli għaliha illi tilħaq tieħu l-*vacational leave* kollu minħabba illi l-Kunsill kien qiegħed *short of staff*. Hija qalet illi kienet qegħda titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tapplika għal 100 siegħa *carry over* għas-sena 2021. Il-Kunsill qabel.

9.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi xtaqet tavża lill-Kunsill illi din is-sena kien ser isir kors wieħed biss tal-Lifelong Learning li ser isir kull nhar ta' Tlieta filgħodu tal-*Crochet.*

9.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi bħal kull sena l-Kunsill kien wera l-interess illi jingħaqad ma Kunsilli oħra fl-iskema tal-*Pink October*.

9.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva stedina għal programm Illum ma Steph. Is-Sindku ssuġġerixxa illi għandna nikkonfermaw bħala Kunsill. Il-Kunsill qabel.

9.9.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi fl-aħħar il-Kunsill kien irċieva konferma illi l-ismijiet ġodda ta' Triq San Anton u Triq it-Torri ta' Gawhar kienu ġew ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi issa jmiss illi nordnaw t-tabelli li għandhom jeħlu fit-toroq imsemmija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi triq waħda għandna nordnaw żewġ tabelli, filwaqt illi waħda tirrekjedi tlett tabelli.

9.9.6 Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-*incoming mail* lill-Kunsilliera u saret diskussjoni fuq diversi e-mails li rċieva l-Kunsill.

9.10 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi mal-Iskeda ta' Pagamenti kienet qiegħda tressaq ukoll il-varjazzjonijiet illi kien hemm bżonn mal-Kuntratt tal-*Steel* fi Ġnien Sir Alexander Ball sabiex immodifikajna d-disinn tal-pergola. Il-Kunsill iddiskuta dawn il-varjazzjonijiet li ġew approvati unanimament.

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

9.11 **Tmiemtal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħantemmet fil-7:55pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 20 ta' Ottubru, 2020 fl-4:00 pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |